SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 17/K10/25

Data tal-laqgħa: 16 ta' Ġunju 2025

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Mario Amaira – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Victor Vella – Kunsilliera
Patricia Camilleri – Kunsilliera
Carlo Mifsud - Kunsillier
David Caruana - Kunsillier
Gabriel Borg Ferrando – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (1)**

Sean Gauci - Viċi Sindku

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Malcolm Agius Muscat– Aġent Segretarju Eżekuttiv
Marilyn Demanuele – Assistant Prinċipal

Preżenza tal-pubbliku – (3)

**Minuti**

**Talba**

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Inqrat it-Talba

**17.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

17.1.01 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**17.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

17.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 15/K10/24.

17.2.02 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri resqet l-punt li 15.3.01 għandhom jitnizzlu l-ismijiet tal-erbgħa bye-laws, filwaqt li dwar il-punt 15.3.22 il-Kunsillier Victor Vella għandha tiżdied li l-kwotazzjoni tal-bagħal taż-żunżan ser tkun qed issir bħala esperiment u din għandha u jekk ma tirnexxix din għandha titwaqqaf filwaqt li jekk tirnexxi għandha tiżdied għal iktar postijiet.

17.2.03 Il-Kunsillier David Caruana ppropona l-Minuti.

17.2.04 Il-Kunsilliera Patricia Caruana ssekondat.

17.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

17.2.06 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 16/K10/24.

17.2.07 Il-Kunsillier Victor Vella ppropona l-Minuti.

17.2.08 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando ssekonda.

17.2.09 Il-Kunsill qabel unanimament.

Saret sospensjoni tal-Aġenda sabiex tiġi diskussa l-mozzjoni.

**17.4 Mozzjoni Nru 3/2025 – Studju dwar il-Kapaċità ta' Tolleranza ta' l-iżvilupp – 'Carrying Capacity'**

17.4.01 Iċ-Ċermen ressaq il-mozzjoni għal attenzjoni tal-Kunsill (Appendiċi 'A')

17.4.02 Il-Minority Leader Mario Amaira ressaq kontra-mozzjoni f'isem il-Kunsilliera tal-Partit Laburista (Appendiċi 'B')

17.4.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli waslet fil-5.23p.m.

17.4.04 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li jittieħed il-vot fejn il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando talab li jitniżżlu l-ismijiet tal-Kunsilliera u kif ivvotaw fil-Minuti.

17.4.05 L-ewwel saret votazzjoni dwar il-kontra-mozzjoni mressqa mill-Minority Leader Mario Amaira fejn il-Kunsilliera Mario Amaira, Carlo Mifsud u David Caruana vvutaw favur, ic-Ċermen u l-Kunsilliera Victor Vella, Gabriel Borg Ferrando, Rita Dimech Portelli u Patricia Camilleri vvutaw kontra u ħadd mill-Kunsilliera ma astjena.

17.4.06 Wara ttieħed vot dwar il-mozzjoni kif ġiet mressqa mic-Ċermen fejn c-Ċermen u l-Kunsilliera Victor Vella, Gabriel Borg Ferrando Rita Dimech Portelli u Patricia Camilleri vvutaw favur, il-Kunsilliera Mario Amaira, Carlo Mifsud u David Caruana vvutaw kontra u ħadd mill-Kunsilliera ma astjena.

17.4.07 Il-Kunsillier David Caruana telaq fil-5.57p.m.

L-laqgħa tkompliet skond l-Aġenda.

**17.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

Iċ-Ċermen tkellem dwar:

17.3.01 Il-bye-laws, fejn informa lill-Kunsill li l-bye-law tan-naħal intbagħatet site-plan kif mitlub. Filwaqt li dwar il-bye-law tal-ash trays saret laqgħa online mas-Sur Francalanza mill-Ministeru tal-Ekonomija, Intrapriżi u Proġetti Strateġiċi fejn talabna li biex taghddi din il-bye-law trid issir laqgħa mal-entitajiet kummerċjali biex naraw kif ser taffettwa lill dawn. Is-Sur Philip Fenech ser ikun qed jorganizza din il-laqgħa.

17.3.02 Ic-Ċermen ta' spjegazzjoni dwar il-preparamenti mal-entitajiet konċernati dwar l-attività Beach Fest. Sa' laqgħa oħra suppost ikollna l-programm finali.

17.3.03 Dwar it-tarmak fil-lokalita wara ix-xogħol ta' trenching mill-Enemalta, c-Ċermen ikkonferma li t-tarmak ser jingħata wara Settembru, wara li jsiru xi xogħolijiet ta' drenaġġ u ilma fl-istess toroq.

17.3.04 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsilliera li s-survey tal-kumpless Dun Anton Sciberras sar u sa' laqgħa oħra l-Kunsill ser ikollu l-pjanti lesti mill-Perit biex inkunu nistgħu napplikaw għal-fondi tal-UIF.

17.3.05 Dwar Ġnien Saver Zarb ic-Ċermen ressaq proposta li għandha tinkiteb ittra bl-avukat minħabba li issa hemm kwistjoni dwar il-ħxuna tal-injam u l-proġett għadu ma tlestiex. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li rċieva kwotazzjoni ta' kważi elf Ewro sabiex jitwaħħal arblu ħabba d-dawl u ġie deċiż li din ser tkun aċċettata.

17.3.06 Il-Kunsilliera ġew nfurmati li l-Mini Bus tal-Balluta beda jopera mil-lum u għandha tittella' fuq Facebook ir-rotta tiegħu. Il-Kwotazzjoni ntrebħet mis-Sur Glenn Callus. Il-Kunsill ser jiċċekkja ukoll jekk il-van li qed jintuża għandux il-kumdita kollha u hux aċċessibbli għal-anzjani.

17.3.07 Dwar id-domanda li saret mill-Kunsillier Carlo Mifsud dwar il-pots li hemm quddiem in-Neptunes, ic-Ċermen ressaq għal-attenzjoni tal-Kunsill l-korrispondenza mingħand it-TZRA u wara din il-korrispondenza intbagħtet email lin-Neptunes Water Polo Club però sal-lum il-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda risposta.

17.3.08 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsilliera li x-xogħol fil-latrina ta' Spinola miexi, ser jitwaqqaw xi ħitan u dawn ser issiru tal-aluminium. Il-Kunsilliera ġew nfurmati ukoll li kif titlesta l-latrina ta' Spinola ser jibda x-xogħol fuq dik tal-Balluta.

17.3.09 Ic-Ċermen informa lill-Kunsilliera li ser ikun qed jiltaqa' mal-kuntrattur biex tingħata stima biex jiġu r-rranġati l-*cobbles* ta' Triq Sant'Elija, Triq Sant'Anglu u Triq il-Karmnu.

17.3.10 Il-Kunsillier Carlo Mifsud spjega lill-Kunsilliera dwar il-laqgħa li hu u s-Sindku kellhom mal-Infrastructure Malta fuq il-breakwater li nixtiequ li jsir fid-daħla tal-Bajja ta' San Giljan. Huwa qal li l-fondi li hemm m'humiex biżżejjed u xorta qeghdin napplikaw tard għal dan il-proġett. Hu qal ukoll li però hemm ftehim mal-Infrastrucutre Malta li jekk hemm xi postijiet fil-Bajja li jaqgħhu taħt ir-responsabiltà tal-Infrastructure Malta, dawn jiġu rappurtati u jsiru x-xogħolijiet neċessarji. Fil-laqgħa ġie diskuss ukoll il-breakwater tal-Banis fejn ġejna nfurmati li dan qiegħed fil-lista tal-Infrastructure Malta u meta jkollu l-ħaddiema disponibbli dan ix-xogħol issir mill-iktar fis possibbli.

17.3.11 Il-Kunsillier Carlo Mifsud telaq fis-6.17p.m.

17.3.12 Iċ-Ċermen nforma li l-kwotazzjoni ta' The Exterminator ġiet aċċettata intalab li jsir kuntatt mas-Sindku sabiex jurihom fejn għandhom issiru.

17.3.13 Dwar l-proġett organizzat mill-Anzjanità Attiva, ic-Ċermen nforma lill-Kunsill li xi persuni nkarigati ġew jara l-post propost mill-Kunsill madanakollu l-Kunsill ser ikun qed jiċċekkja minn ser ikun qed iħallas għal-post.

17.3.13 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsilliera li l-bust ta' Dun Anton Sciberras ser jeħel bejn iż-żewġ bibien tal-entratura tad-dar tal-familja Montebello. Għandha ssir l-applikazzjoni ta' DNO.

17.3.14 Belishia Lights – ser jipprova jsiru qabel t-tarmak u dan għandu jsir kull fejn hemm bżonn anki trinek.

17.3.15 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li dwar il-proposta tal-Kunsillier Victor Vella li jużaw is-seqer biex igerrex il-ħamiem, wara laqgħa li s-Sindku kellu mas-sid ta' dan is-seqer, ġie nfurmat li bħalissa hemm xi marda tat-tjur u għalhekk ma jistax jintuża. Is-sid ser infurmata aktar tard meta jkun disponibbli.

17.3.16 Dwar Pjazza Spinola, ic-Ċermen spjega dwar l-laqgħa online li kellu mal-ERA fejn ġie diskuss xi tneħħija ta' siġar mil-pjanta oriġinali li kienet ġiet issottometta lill-Awtorità tal-Ippjanar. Iċ-Ċermen spjega li dwar dan il-proġett hu jħoss li meta din il-pjanta ġiet mdahhla l-Awtorità tal-Ippjanar, madwar tmien snin ilu, kienet vijabbli però minħabba z-żieda fit-traffiku llum mhux prattikuża. Hu spjega li meta ssir il-*junction* ta' ħdejn il-Lights ta' Swieqi u Triq San Ġorġ tiġi One-Way l'isfel, forsi din il-pjanta tiġi vijabbli u nistgħu natwawa.

17.3.17 Iċ-Ċermen semma ukoll il-problema li hemm Triq il-Mensija biex jinħargu l-permessi ta' għeluq tat-toroq minħabba li Triq Josef Calleja m'għandhiex ħruġ ħlif mill-istess Triq il-Mensija. Hu qal li kellu kuntatt mas-Segretarju Eżekuttiv tas-Swieqi fejn spjegatlu li l-proċess ta' triq ġdida li tinfed ma Triq Josef Calleja qiegħda fil-proċess li tittieħed deċiżjoni x'ser jsir.

17.3.18 Fuq talba tal-Kunsillier Carlo Mifsud dwar lista ta' xogħolijiet li għandhom jsiru mill-Public Works, c-Ċermen ppreżenta l-lista u qal li wara l-aħħar regolamenti li ħarġu mill-OHSA, trid tibda titħallas is-somma ta' sitt mitt Euro kull xahar għal kull proġett. F'San Ġiljan bħalissa hemm dawn il-proġetti pendenti:

- Triq is-Sur Fons,
- Triq Scicluna
- Triq il-Karmelitani
- Triq Manuel Dimech (il-biċċa t'isfel)
- Triq Francis Zammit
- Triq il-Qalb Imqaddsa (il-parti t'isfel)
- Triq il-Baltiku
- Triq Henry Calleja

Filwaqt li fi Triq Arċisqof Romero ser issiru l-bankini u t-tarmak u hemm ukoll il-proġett tal-ħitan ta' Triq Arċisqof Romero.

17.3.19 Iċ-Ċermen ippropona li għandu jsir *repainting* taz-Zebra Crossing tal-lokalita anki fejn ser jingħata t-tarmak minħabba li dawn huma importanti ħafna għas-sigurtà tan-nies. Dan ix-xogħol għandu jsir urġenti.

17.3.20 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsilliera li dwar is-sitwazzjoni tal-banners mad-dawra tal-baħar, u wara diskussjoni ġie deċiż li dawn għandhom jitwaħħlu bil-permess u m'għandhomx isiru quddiem bankijiet sabiex min ikun bil-qegħda fuq bank xorta jkun jista' jara l-veduta.

17.3.21 Iċ-Ċermen ressaq talba mingħand il-Grupp ta Ħbiberija sabiex il-Kunsill jgħin fil-ħarġa li ser issir għar-residenti, ġie deċiż li din it-talba tiġi aċċettata.

17.3.22 Iċ-Ċermen ressaq email mingħand l-ECAD fejn qed jinfurmaw lill-membri tagħhom li l-ECAD ser tkun qed jieqaf topera.

17.3.23 Saret riferenza għal korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand Life Network Foundation fejn ġie deċiż li din tieħu ħsiebha l-Kunsilliera Rita Dimech Portelli.

17.3.24 Iċ-Ċermen ressaq email dwar courses tas-self defense u ġie deċiż li l-Kunsill għandu jiċċekkja jekk hemmx ħlas assoċċjat ma' dawn il-courses. Jekk dawn huma bi ħlas għandhom jingħataw permess biex isiru dawn il-courses.

17.3.25 Iċ-Ċermen ressaq talba mingħand il-Hardrock Cafe sabiex titpoġġa kitarra tal-fjuri fil-lokalita. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal din u din għandha titpoġġa ħdejn Ġnien Spinola u meta jkun ser issir il-Beach Fest din għandha titpoġġa fuq il-bankina fil-Bajja ta' San Ġorġ.

17.3.26 Il-Kunsill ġie nfurmat li nhar il-Erbgħa 18 ta' Ġunju ser issir laqgħa mal-Project Green dwar Ġnien Spinola.

**17.5 Tweġibiet għal-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

17.5.01 Il-Kunsillier Mario Amaira staqsa dwar il-problema tal-ġbir tal-iskart fi Triq Patrick Brydone fejn ic-Ċermen informa li hemm problema ħabba l-bollards li dawn għandhom jitressqu l'ġewwa għalhekk ic-Ċermen ser ikellem kuntrattur privat sabiex dawn il-bollards għandhom jitressqu.

Il-Kunsillier Amaira ġibed l-attenzjoni ukoll li t-tinda tal-ħadid li hemm fil-Pjazza tal-Balluta hi perikoluża minħabba li saddet u għandha naraw x'jista' jsir biex tiġi rranġata mil-aktar fis possibbli.

Ġie deċiż ukoll li minħabba l-vandaliżmu li qed jsir fil-latrini, meta jinħareġ it-tender il-ġdid għandu jkun hemm persuna dejjem fil-latrina sabiex din tinżamm nadifa.

Dwar Xatt is-Sajjieda, il-Kunsillier Mario Amaira talab li l-Kunsill jagħmel talba lit-Transport Malta sabiex jitnaddaf ħdejn il-pont tal-Banis kif ukoll għandhom jitwaħħlu karti li min għandu l-affarijiet fl-area msemmija għandu jinforma lill-Kunsill b'dawn għax inkella jitwaħħlu l-karti s-sofor u dawn l-affarijiet jitneħħew wara sitt ijiem. Il-Kunsillier Mario Amaira ippropona ukoll li jitpoġġew *mobile toilets* fl-area ta' Xatt is-Sajjieda għal dawk in-nies li jmorru jowgħmu fl-area għalhekk ġie deċiż li l-Kunsill iġib kwotazzjoni għat-tlett xhur tas-Sajf.

Il-Kunsillier Mario Amaira ressaq ilment dwar it-traffiku li niżel minn Triq ta' Ġiorni għal Telgħet B'Kara u ġie deċiż li din għandha tiġi diskussa waqt il-laqgħa informali. Fir-rigward il-vetturi kbar li qed jgħaddu min Telgħet B'Kara ġie deċiż li jitwaħħlu tabelli bil-wisa u l-għoli tal-vetturi li jistgħu jagħddu minn din it-triq. Ġibed l-attenzjoni ukoll li hemm bżonn li jiġi rranġat il-hajt kif ukoll il-puġaman ta' ħdejn is-Saddles kif ukoll il-puġaman ta' ħdejn id-dar ta' Francis Zammit Dimech.

17.5.02 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri resqet ilment li l-bajja ta San Ġorġ qed tkun maħmuġa ħafna u anki qed issiru bbqs. Hi nfurmat ukoll lill-Kunsill li Triq is-Sorijiet mhux qed jagħtu kas it-tabelli tal-one-way u li għandha tinġibed l-attenzjoni li Triq is-Sorijiet u Triq Bonavita m'għandhomx ikunu magħluqin flimkien. L-Kunsilliera Camilleri ġibdet l-attenzjoni ukoll li hemm bżonn li jerġgħu jinżebgħu l-linji sofor ta' Triq il-Ballut filwaqt li ġie deċiż li ċ-Ċermen għandu jġib stima sabiex iz-Zebra Crossing ikunu jistgħu jsiru b'materjal li jdum iktar miż-żebgħa.

17.5.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ġibdet l-attenzjoni li l-culverts ta' taħt it-Tarag Attard Kingswell huma magħluqin filwaqt li l-kuntrattur għandhu jirranġa ukoll l-aħħar tlett madumiet li fadal jagħmel ħdejn l-istess taraġ.

17.5.04 Fir-rigward l-area ta' Triq Dun Guzepp Xerri l-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando, reġa' ġibed l-attenzjoni li l-bieb tal-Bus Stop għadu ma nfetaħx u ċ-Ċermen informa li qed jipprova jsir jaf ta min hu t-trakk li hemm fil-post.

17.5.05 Il-Kunsillier Victor Vella nforma lill-Kunsill li 62/63 Triq Ġorġ Borg Olivier għandu bżonn jitnaddaf u hemm bżonn li jibdew jintbagħtu uffiċċjali tal-ERA. Il-Kunsillier Vella ippropona ukoll li jekk joħroġ mill-inkjesta li l-perit li kellu raġun dwar il-proġett ta' Triq Paceville u li l-istess Perit ma kellux x'jaqsam mal-proġett tal-istess area, dan għandu jieħu Ġieh San Giljan. Hu ppropona ukoll li l-parti ta' isfel ta' Triq Arċisqof Romero tissemma Daħla Chantelle Gauci li mietet b'inċident tat-traffiku fl-istess triq kif ukoll li ssir lapida. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

**17.6 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

17.6.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 6531 sa' 6544 u l-pagamenti tal-kontijiet (Ara Appendiċi 'Ċ' u 'D').

17.6.02 Il-Kunsilliera Victor Vella pproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

17.6.03 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando ssekonda fl-approvazzjoni.

**17.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

17.7.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 14 ta' Lulju 2025

17.7.02 Il-laqgħa ntemmet 8.00p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Malcolm Agius Muscat**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Data: 14 ta' Lulju 2025**